# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 23 ta' Jannar 2025**

**Numru 6**

**Rikors Numru 970/22TA**

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177)**

**vs**
**Portelli Charles (ID 276089M)**

**u**

**Portelli Pauline (ID 42180M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' HSBC Bank Malta p.l.c (il-Bank Attur) tal-21 ta' Ottubru 2022 li permezz tiegħhu ppremetta u talab is-segwenti:

1. Illi l-bank attur HSBC Bank Malta p.l.c (3177) ta faċilita` ta` self lill-konvenuti konjuġi Charles u Pauline (ID 276089M u 42180M rispettivament) bis-saħħa` ta kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Bartolomeo

Micallef data 28 ta` Jannar 2005, fis-somma ta` sittiax il-elf lira Maltija (Lm16,000) ekwivalenti għas-somma ta` sebgħa u tlettin elf euro, mitejn disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u disgħin cent (€37,269.97) kif jidher mill-anness kuntratt ta` self (immarkat **" Dok A**") u wara li ħarġet is-Sanction Letter datata 15 ta` Novembru 2004( hawn annessa u mmarkata bħala "**Dok B** ")

2. Illi sentejn wara l-Bank attur ta faċilita` ta self oħra lill-konvenuti Charles u Pauline Portelli bis-saħħa ta` kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Bugeja data 18 ta` Diċembru 2007 fl-ammont ta` għaxar t` elef lira maltia (Lm10,000) ekwivalenti għal tlieta u għoxrin elf, mitejn tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin cent (€23,293.73) kif jidher mill-anness kuntratt ta` self ( immarkat " **Dok C**") u wara li ħarġet is-Sanction Letter datata 18 ta` Settembru 2007 (hawn annessa u mmarkata bħala " **DOK D**")

3. Illi l-konvenuti ma baqawx jagħmlu dawk il-pagamenti mensili dovuti minnhom ai termini tas-Sanction Letters maħruġa mill-Bank attur;

4. Illi in vista tas-suespost, il-konvenuti tilfu il-benefiċċju taż-żmien, b`dan illi sallum huma debituri tal-bank attur fis-somma komplessiva ta` mija u elf, sebgħa mija u wieħed euro u disgħa u disgħin cent ( €101,701.99) li minnhom is-somma ta` ħamsa u ħamsin elf, ħames mija tlieta u għoxrin euro, wieħed u disgħin cent (€55,523.91) huma rappreżtanti kapitali filwaqt li s-somma ta` sitta erbgħin elf, mija tmienja u sebgħin euro u tmin cent (€46,178.08) huma rappreżentanti imgħaxijiet dovuti fuq is-self preċitat bil-kontijiet numru 18012953 u 18005688 (rendikont ta` kull kont ħuwa anness u mmarkat bħala " **Dok E**" u "**Dok F**");

5. Illi għalkemm il-konvenuti ġew interpellatti biex iħallsu d-debitu dovut permezz ta` ittra uffiċjali datata 8 ta` Frar 2021 (kopja hawn annessa u mmarkata "**Dok G** ") huma baqaw inadempjenti.

Għaldaqstant, in vista ta` dak premess, il-Bank esponenti jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, jogħġobha:

1. Tiddikjara illi l-Konvenuti jew minn minnhom huwa debituri fil-konfront tal-Bank attur fis-somma ta` mija u elf, sebgħa mija u wieħed euro u disgħa u disgħin cent (€101,701.99) li minnhom is-somma ta` ħamsa u ħamsin elf, ħames mija tlieta u għoxrin euro, wieħed u disgħin cent (€55,523.91) ħuma rapprezentanti kapital filwaqt li s-somma ta` sitta erbgħin elf, mija tmienja u sebgħin euro u tmin cent (€46,178.08) huma rapprezentanti imgħaxijiet dovuti fuq is-self preċitat;

2. Tikkundanna u tordna lill-konvenuti jew minnhom iħallsu lill-Bank attur s-somma ta` mija u elf, sebgħa mija u wieħed euro u disgħa cent

(€101,701.99) u dan oltre l-imgħaxijiet legali bir-rata ta` tmienja fil-mija (8%) sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inklużi dawk ta` l-ittri uffiċjali datata 8 ta` frar u tal-mandat ta` sekwestru ppreżentat kontestwalment fl-istess ismijiet, kontra l-konvenuti li huma nġunti għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' Charles Portelli (il-konvenut) tat-23 ta' Novembru 2022 li permezz tagħha wieġeb u eċċepixxa s-segwenti:

Illi l-esponent jopponi ghat-talbiet kollha imressqa mis-socjeta` attrici u dan ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi fl-ewwel lok jinghad illi l-esponent u Pauline Ellul isseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku in atti tan-Nutar Dottor Reuben Debono nhar id-disgha ta' Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (09/06/2010)(Dok A anness);

2. Illi fit-tieni lok, fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, irid l-ewwelnett jigi pruvat li gew avvanzati lil esponent is-somom pretizi, irid jigi pruvat x'rata ta' imghax kienet applikabbli ghal tali somom fid-diversi perjodi tar-relazzjoni bankarja bejn is-socjeta` attrici u l-esponent u jrid jigi ppruvat x'servizzi gew rezi mis-socjeta` bankarja attrici lill-konvenut, f'kaz illi s-somma mitluba tikkomprendi fiha charges, ledger fees jew kommissjonijiet;

3. Illi minghajr pregudizzju, in vista ta' l-artikoli 986(2), 1139, 1142 u 1850 sa 1853 Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, it-talbiet attrici jinkludu somom sostanzjali ta' imghax in eccess mil-limitu massimu impost mil-ligi, kif ukoll imghax kompost u charges, ledger fees u kommissjonijiet mhux dovuti li gew mizjuda ma' l-obbligazzjonijiet principali b'qerq tad-dispozizzjonijiet relattivi ghall-anatocizmu u l-uzura latenti, u li ghaldaqstant ghandhom jinqatghu mill-kapital, flimkien ma' l-imghax kompost li rega' gie mizjud fuqhom, ai termini ta' l-artikolu 1852 Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponent ma jaqbilx li huwa debitur tas-socjeta` attrici fl-ammont mitlub kif jista' biss jigi ppruvat fil-mori tal-proceduri u hemm lok fost affarijiet ohra fejn is-socjeta` attrici agixxiet intempestivament ghall-irkupru ta' somom avvanzati mill-bank attur;

5. Illi f'kull każ, it-talbiet tas-soċjeta' attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta` attrici li hi minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat li Pauline Portelli notifikata kif trid il-liġi baqgħet ma għamlet ebda risposta.

Rat l-atti u dokumenti fil-Kawża.

Semgħet u qrat ix-xhieda mressqa fil-perkors ta' din il-Kawża.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet u l-konvenuta mogħtija żmien biex tagħmel in-nota tagħha baqgħet ma għamlithiex.

**Punti ta' fatti**

Il-konvenuti ħadu diversi self mingħand il-Bank Attur, wieħed fis-somma ta' Lm16,000 bis-saħħa ta' kuntratt fl-atti tan-nutar Bartholomeo Micallef tat-28 ta' Jannar 2005 u ieħor fl-ammont ta' LM10,000 bis-saħħa ta' kuntratt ieħor datat 18 ta' Diċembru 2007 fl-atti tan-Nutar Mario Buġeja.

Jidher li l-konvenuti waqfu jagħmlu l-pagamenti kif mifthema fl-imsemmija kuntratti u skond is-Sanction Letters relattivi u għalhekk tilfu kull benefiċċju ta' żmien li kellhom biex iħallsu. Għalhekk il-bank Attur kellu jagħmel din il-Kawża.

**Punti ta' liġi**

Dak li għandha quddiemha din il-Qorti hija l-azzjoni tal-kreditur kontra d-debitur biex jintradd lura dak li silef. Għalhekk l-azzjoni hija bbażat fuq il-*mutuum* u ċioe self ta' flus li jridu jintraddu fl-ammont li jkun ġie misluf. F'dan il-każ il-konvenuti tilfu kull benefiċċju tat-terminu mogħti lilhom biex iħallsu lura d-dejn għalhekk is-somma kollha jew kull bilanċ li jkun fadal li jitħallas

huma obbligati li jħallsuha f'daqqa bl-imgħaxijiet kif mifthema bejn il-partijiet.

**Konsiderazzjonijiet**

Il-Qorti eżaminat b'reqqa l-provi u partikolarment id-dokumenti li ġew preżentati. Din il-Kawża bdiet fuq sieq ħażina għaliex b'referenza għas-self ta' LM16,000, id-dokumenti esebiti mar-rikors ġuramentat in sosten ta' dan is-self partikulari ma jirreferux għalih iżda għal dejn ieħor li diġa' tħallas. B'dana kollu d-dokumenti korretti ġew esebiti aktar tard fil-Kawża u jidher b'mod ċar li dan kien *lapsus calami* da parti tal-Bank Attur (ara a' fol 118 u 122).

Il-konvenut issolleva bħala eċċezzjoni l-anatoċiżmu. Fid-dawl ta' din l-eċċezzjoni il-Qorti sabet li r-radd lura ta' l-LM10,000 kellu jiddekorri fuqu "2*.25% per annum over the Bank's Base Rate (currently 2.25% per annum, that is, the present raye of 5.5% per annum or any higher rate allowed by law.*" (Sanction letter a' fol 20). Fil-kuntratt ta' self tat-18 ta' Diċembru 2007, fl-atti nutar Mario Buġeja, ġie konvenut li "*It is agreed that the loan shall bear interest, at rates not exceeding the rate allowed by law."* (a fol 16 u 24). Di piu' fl-istess kuntratt hemm qbil li l-ammont misluf jista' jintradd fil-każ ta' "*any failure by the Borrower to comply with the terms and conditions of the deed of loan and/or the sanction letter, which the Bank may reasonably consider material*".

Fil-każ tas-self ta' LM 16,000 kwantu jirrigwarda r-rata tal-imgħax jirrikorru l-istess kundizzjonijiet (ara para tnejn a' fol 118 u para 14 (b) a' fol 120).

Mill-marġini tal-istatements bankarji hemm varji rati ta' imgħaxijiet pero; ebda waħda minnhom ma teċċedi t-8%, li hija l-ogħla rata permessibbli taħt il-liġi tagħna (Ara artikolu 1139). Ix-xhud Mariella Caruana tispjega li fis-somma li qed jitolbu ma hemmx imgħax fuq imgħax iżda imgħax sempliċi u din tgħid li "*Il-kapital dejjem għalih u l-imgħax għalih"* (a' fol 117).

Il-Qorti tosserva wkoll li tassew hawn si tratta ta' self u mhux ta' overdraft, li skont is-Sentenza huwa biss fl-aħħar każ li jista' jkollok imgħax fuq imgħax u li saħansitra l-imgħax jista' jiżboq il-kapital [*duplum*] (Ara **Sentenza fl-ismijiet Lombard Bank Malta plc vs IV's Co. Ltd. et",** li ġiet deċiża fit-3 ta' Lulju, 2003). Fuq l-*ultra duplum* wieħed jista' ukoll jagħmel referenza għas-**Sentenza fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) v. 1. Carmelo Farrugia Melfar Limited (C 2687) 2. Joseph u Brenda miżżewġin Farrugia u 3. Carmelo u Carmelina miżżewġin Farrugia** tat-30 ta' Ottubru 2015). Issa fil-każ odjern, l-ammont ta' imgħaxijiet li qed jintalab ma jiżboqx il-kapital.

Fejn skond din il-Qorti għandu raġun il-konvenut huwa, li din il-Qorti ma tistax tikkundannah li jħallas is-somma kif mitluba bl-imgħaxijiet mid-data tas-Sentenza. Li kieku ma jkunx hekk, allura l-Qorti tkun qed tikkundanna lid-debitur, ergo lill-konvenuti, iħallsu imgħaxijiet fuq imgħaxijiet inklużi fis-somma li qed tkun mitluba.

Għalhekk il-Qorti ser tkun qed tilqa' it-talbiet Attriċi, b'dana li l-imgħaxijiet mid-data tas-Sentenza għandhom jiddekorru biss fuq €55,523,91 li hija s-

somma kapitali u sal-punt li tali imgħaxijiet ma għandhomx jiżbqu (*ultra duplum*) il-kapital.

**Deċide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** kif mitluba.

**Tilqa' it-tieni talba Attriċi** b'dana li l-imgħaxijet legali sal-pagament effettiv m'għandhomx jiddekorru fuq is-somma kollha, iżda biss fuq l-ammont ta' ħamsa u ħamsin elf, ħames mija u tlieta u għoxrin punt wieħed u disgħin tal-ewro (€55,523.91) sal-pagament effettiv u li fi kwalunkwe każ l-imgħax m'għandu qatt jiżboq (*ultra duplum*) il-kapital.

Spejjes għall-konvenuti.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**